MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Numru 281/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Debrincat**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, permezz ta' att ta' citazzjoni datat 2 ta' Mejju 2003, kontra Joseph Debrincat talli fil-jiem ta' bejn l-24 u s-26 ta' Marzu, 2003, (**1**) ikkommetta vjolazzjoni ta' proprjeta` meta abbuzivament dahal f'porzjon art maghrufa bhala "Is-Sinet ta' Ghammar" fil-limiti tal-Ghasri, liema art tinsab fil-pussess ta' Anthony Mintoff u wliedu Anthony, Emanuel u Eucharist Mintoff u ta' Paul Mizzi; u aktar (2) talli fl-istess jiem u lok, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor a dannu ta' l-istess Anthony Mintoff u wliedu u ta' Paul Mizzi, liema hsara tammonta ghal izjed minn Lm50 izda anqas minn Lm500; kif ukoll (3) talli fl-istess jiem u lok, sabiex jerzercita jedd li

eppretenda li ghandu, bl-awtorita` tieghu nnifsu, qbad u dahal fl-art maghrufa bhala “Is-Sinet tal-Ghasri” bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-25 ta’ Novembru 2004 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Debrincat hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ mitejn lira Maltin (Lm200);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Joseph Debrincat, minnu prezentat fis-6 ta’ Dicembru 2004, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta’ Jannar 2005; ikkunsidrat:

Il-fatti ta’ din il-kawza huma brevement is-segwenti: il-kwerelanti Mintoff u Paul Mizzi kienu jahdmu bicciet ta’ art fil-post indikat fl-imputazzjoni. Ta’ dan huma kienu jhallsu xi haga fis-sena lil Gorg Mizzi li effettivament kellu dawk il-bicciet art, u artijiet ohra tal-madwar, imqabbla ghandu (ara d-deposizzjoni ta’ dan Gorg Mizzi a fol 90 u 91 tal-process; ara wkoll id-deposizzjoni ta’ Mario Galea Testaferrata a fol. 92 *et seq.* tal-atti). Sid l-art kien Mario Galea Testaferrata. Gorg Mizzi kien kull sena jitla’ l-Imdina u jhallas il-qbiela lil Galea Testaferrata. F’xi zmien ghall-habta tas-sena 2002 dan Gorg Mizzi kien informa lis-sid li huwa ma kienx jaflah jahdem aktar dik l-art – huwa ma jidhirx li informa lil Galea Testaferrata b’Mintoff u b’Pawlu Mizzi – introducih ma’ l-appellant, li kien lest li jibda jahdem l-art ga’ imqabbla lil Gorg Mizzi, u s-sid dawwar l-art minn fuq l-imsemmi Gorg Mizzi ghal fuq l-appellant. Jirrizulta li ga wara Awissu 2002, u cioe` qabel il-granet indikati fl-imputazzjoni, l-appellant dahal fl-ghelieqi li kienu issa lilu mqabbla u beda jahdimhom. Ovjjament il-kwerelanti Mintoff u Paul Mizzi haduha ferm bi kbira li wara tant snin li kienu ilhom “fil-pussess” ta’ dawk il-bicciet art huma kienu gew estromessi bla kliem u bla sliem; u difatti, kif jirrisulta mid-deposizzjoni ta’ Anthony Mintoff (it-tifel) a fol. 12 *et seq.* ta’ l-atti, l-istess ahwa Mintoff dahlu fuq Debrincat wara li dan Debrincat

f’Awissu 2002 dahal fir-raba (issa lilu mqabbla) u tefa’ d-demel (ara wkoll id-deposizzjoni ta’ Karistu Mintoff a fol. 19 *et seq.* u b’mod partikolari a fol. 23). Skond Gorg Mizzi, qabel ma l-art daret fuq Debrincat, il-familja Mintoff kienu ilhom tmien snin ma jhallsuh, filwaqt li Paul Mizzi kien ilu sentejn ma jhallsu.

L-aggravji ta’ l-appellant huma, bazikament, fis-sens li fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni, il-membri tal-familja Mintoff u Paul Mizzi ma kellhomx il-pussess tal-bicciet art in kwistjoni, b’mod li huwa ma kellu qatt jinstab hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-atti kollha – din il-kawza kienet, stranament, bdiet bhala kumpilazzjoni u kienet giet reza sommarja bir-rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali tal-4 ta’ Marzu 2004 – hi tal-fehma li ghandha takkolji dana l-appell. Ghalkemm huwa minnu dak sottomess mill-prosekuzzjoni fil-kors tat-trattazzjoni ta’ dana l-appell, kif ukoll dak sottomess mill-parte civile fin-nota a fol. 105 tal-atti, u cioe` li l-Artikoli 340(d) u 85 tal-Kodici Kriminali jipprotegu lid-“detentur” u “il-pussess” rispettivament (u mhux, ghalhekk, biss lil min huwa s-sid jew ghandu titolu ta’ proprjeta`), fil-kaz in dizamina kif appena Galea Testaferrata qaleb l-art fuq l-appellant, il-membri tal-familja Mintoff u Paul Mizzi gew estromessi kompletament mill-bicciet art li kienu precedentement jahdmu ad insaputa ta’ l-istess Galea Testaferrata; b’mod ghalhekk ukoll li d-detenzjoni u l-pussess ghaddew f’idejn Debrincat. Il-membri tal-familja Mintoff u Paul Mizzi kieku riedu setghu ikkontestaw dan it-trasferiment tal-qbiela b’mezz gudizzjarju (u mhux semplicement imorru jipprotestaw mas-sid Galea Testaferrata, kif jidher li ghamlu – ara fol. 95); izda huma ma jistghux jippretendu li, wara li l-appellant dahal, kif jidher li kellu kull dritt jaghmel, fl-art in kwistjoni ftit wara Awissu 2002 u beda jahdem l-art, huma jidhlu fuqu u jergghu jizirghu huma xi affarijiet f’dik l-art. Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, u cioe` dik ta’ hsara volontarja fi proprjeta`, kwalsiasi prodotti li seta’ kien hemm fl-ghelieqi in kwistjoni bejn l-24 u s-26 ta’ Marzu 2003 li ma kienux ta’ l-appellant, kienu jinsabu hemm abuzivament, u l-appellant kellu kull dritt inehhihom.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------